**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Seduta D.I.E.R.**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 01 ta' Diċembru 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Antonia sive Antoinette Gafa, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 173361(M); u**

**Dominic Gafa, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 116862(M);**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Antonia sive Antoinette Gafa u Dominic Gafa u ċioè talli:

Fil-kwalità tagħhom bħala diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi u/jew ufficjali tas-soċjetà kummerċjali GAFA SAVEWAY LTD (C 15908), b'indirizz reġistrat 39, Triq Ġuljetta Lopez, Santa Luċija, Malta

u/jew bħala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess soċjetà kummerċjali sabiex jħallsu l-pagi dovuti lill-impjegati tagħhom indikati fil-lista indikata hawnhekk, li joperaw jew kienu joperaw fi ħdan l-Airmalta meta seħħ il-bidla fil-forniment ta' servizz bejn Clentec Co. Limited bħala min kien ittrasferixxa u Gafa Saveway Limited bħala min irċieva t-trasferiment fid-19 ta' Novembru tal-2012 fi ħdan l-Airmalta, naqsu li jħallsu l-weekly allowance ta' Marzu 2012 u parti mill-bonus statutorju ta' Diċmebru 2012 dovuti fil-31 ta' MArzu 2012 wara li kien hemm il-bidla fl-forniment ta' servizz hawn fuq imsemmi.

In vista ta' suespost, huma ukoll naqsu milli josservaw ir-Regolament 8 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, hekk kif emendat mill-Avviż Legali 427 tal-2007 u ċjoè d-dritt tal-impjegati, indikati fil-lista hawn isfel imniżla, għal leave annuali bi ħlas fil-perjodu fuq indikat u ċjoè mid-19 ta' Novembru 2012, hekk kif titlob il-liġi. Kif ukoll naqsu milli osservaw l-artikolu 22(2) tal-Kap 452 fir-rigward ta' impjegati li l-impjieg tagħhom ittermina, liema somom dovuti huma imniżżla hawn isfel.

| Name of Employee | Id Card NO | VL balance as at 08.05.12 (hours) | VL balance at the rate of €3.95 p/hr | Pro-rata bonus till May (June bonus) | Pro-rata bonus till May (sept weekly allowance) |
|---|---|---|---|---|---|
| Loran Attard | 50086M | 99 | €391.05 | €89.00 | €27.61 |
| Christopher Ciantar | 364075M | 46 | €181.70 | €104.37 | €32.62 |

Għaldaqstant il-Qorti hija mitluba bir-rispett tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-liġi, kif ukoll tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emedat bl-Avviż Legali 427 tal-2007 sabiex iħallsu lill-persuni indikati hawn fuq, l-ammonti relattivi għar-raġunijet hawn fuq speċifikati. Il-Qorti ġiet mitluba tordna lill-imputati ai termini tar-Regolament 8 tal-Avviż Legali 247 tal-2003, hekk kif emendat mill-Avviż Legali 427 tal-2007 u l-artikolu 22(2) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-leave annwali mċaħħad lill-impjegati kif kwantikat fil-lista hawn fuq indikata jew alternattivament, tordna li l-leave annwali hemm miċħud jingħad mal-bilanċ tal-leave annwali li l-impjegati imsemmija jkollhom meta tiġi deċiża l-kawża odjerna ai termini.

Semgħet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza qed tinstema kontestwalment mal-kawzi numri 33, 39, 41 u 42 fl-istess ismijiet.

Illi r-reati imputati lill-akkuzati huwa ta' natura delittwali u mhux xi wiehed ta' *strict liability.* Issir riferenza ghas-sentenza ricentement pronunzjata fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alban Josef Saliba**:[1]

Skont kif mistqarr minn dawn il-Qrati dan ir-reat huwa ta' natura delittwali u mhux kontravvenzjonali. Dawn il-Qrati ma kkunsidrawħx bħala reat ta' *strict liability* jew *technical offence*.[2] L-anqas ma huwa ritenut reat kontravvenzjonali fejn skont dak mistqarr mill-imħallef William Harding fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Mary Simiana*** tas-6 ta' Marzu 1954 l-element psikiku hu sodisfatt bis-sempliċi volontarjeta', bla ma jeħtieġ l-element doluż: imma hemm bzonn dejjem li l-imputat ikun ried il-fatt.

Illi għalhekk dan ir-reat irid ikun kompost kemm minn *actus reus* kif ukoll minn *mens rea*.[3]

Illi sabiex din il-Qorti tkun tista' ssib htija fl-imputati il-Prosekuzzjoni kellha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati **<u>konxjentement u volontarjament</u>** naqsu milli jharsu l-obbligazzjonijiet bhala employers. Issa jirrizulta li transfer of business sehh f'Marzu 2013 izda l-pagament dovut lill-impjegati kien dwar obbligi li jirrisalu ghal zmien qabel ma sar dan it-trasferiment u cioe' meta l-employer tal-impjegati kien Clentec Limited.

Illi Mario Gatt xehed li dak kollu li Gafa Saveway Limited kien qed jigi mitlub ihallas kien ghal leave, salarji, allowance, paga u bonus li kienu suppost thallsu lill-impjegati mill-employer Clentec Limited.

Illi din il-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi r-Regolament 3B tar-**Regolamenti dwar Ħarsien tal-Impiegi fit-Trasferiment ta' Negozju** (L.S. 452.85) li iddahhal permezz tal-Avviz Legali 483 tal-2014:

**3B.** <u>Min jittrasferixxi</u> għandu jħallas u jonora kull debitu li hu dovut lil impjegati affetwati bit-trasferiment fir-rigward tar-relazzjoni ta' impieg li għandhom ma' min jittrasferixxi fir-rigward ta' pagi, *pro rata bonuses* u *weekly allowances* <u>dovuti sat-tmiem tar-relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi</u>, sad-data tal-ħlas ta'pagi li jkun imiss u li tkun immedjatament wara it-trasferiment tan-negozju jew ta' parti min-negozju li kienet ser tkun id-data tal-ħlas ta' pagi li jkun imiss kieku l-impjegati konċernati baqgħu f'relazzjoni ta' impieg ma' min jittrasferixxi.

---

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Magistrat Dr. Aaaron M. Bugeja; 08.07.2016

[2] **Il-Pulizija vs Noel Grech**; Qorti tal-Appell Kriminali, Onor Imhallef Dr J. Galea Debono 24.09.2009: "Din hi dik li tissejjah *"a technical offence"* u ma hemmx ghalfejn jirrizulta xi movent, intenzjoni specifika jew generika konnessa mal-kaccja *per se* jew ma xi tentattiv ta' kacca. Is-semplici garr ta' munizzjoni fil-perijodu projbit ikun jammonta ghall-ksur tal-ligi. Il-fatt li l-iskratax ma kienux ta' perikolu ghal hadd, li ma kienux f'cintorin imma fil-kaxxa taghhom u li ma kienux f' ghata huma konsiderazzjonijiet ghal kollox irrilevanti.

[3] Vide Sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Elton Saliba,** Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Audrey Demicoli, 16 t'Ottubru, 2015.

Dan ir-regolament jirrispejka il-principji penali fondamentali tad-dritt li had ma ghandu jwiegeb kriminalment ghal azzjoni ta' terz sakemm ma tezistix xi responsabilita` vikarja.

Ghaldaqstant u lil hin minn kwalunkwe responsabilita` civili li l-imputati jistghu ghandhom versu l-impjegati li gew trasferiti ghal mal-kumpanija taghhom Gafa Saveway Limited, certament ma tistax tigi attribwita lill-istess imputati, responsabilita` ghal delitt li ma twettaqx minnhom izda mid-dirigenti ta' Clentec li ttrasferiet in-negozju lill-Gafa Saveway Limited.

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti mhux qed issib htija fuq l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati u konsegwentement qed tilliberahom minn kwalunkwe htija u piena.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**